# 275 sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja

Kien proprju fl-10 ta' Mejju, 275 sena ilu meta l-knisja Arċimatriċi u Arċipretali taż-Żejtun ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Paolo Alpheran de Bussan, iżda kif kienet l-istorja biex waslet din id-data importanti?



Qabel ma nbniet il-knisja parrokkjali li nafu llum, konna nsibu l-knisja l-antika ta' Santa Katarina, dik li llum nafuha bħala ta' San Girgor. Wara li Ħaż-Żabbar u Ħal Għaxaq inqatgħu f'parroċċa għalihom, kien fadal ħafna rħula żgħar li jiffurmaw iż-Żejtun, bħal Ħal Ġwann, Bisqallin u Ħal Bisbut, iżda mbagħad meta l-popolazzjoni bdiet tiżdied, bdiet tinħass il-ħtieġa li tinbena knisja ġdida.

Fl-1692 Girgor Bonici kien il-benefattur ewlieni biex il-knisja tkun tista' tinbena. Girgor, barra li ta l-art fejn illum insibu mibnija l-knisja, kien ukoll għamel testment fejn il-ġid li kien jipposjedi seta' jagħmel tajjeb biex din il-knisja tinbena.

Il-knisja kienet iddisinjata mill-magħruf arkitett tal-barokk Lorenzo Gafà, iżda tlestiet minn kollox għexieren ta' snin wara mewtu. Huwa fatt magħruf li l-knisja kif inhi llum mhix mija fil-mija skont id-disinn ta' Gafà. Dan l-arkitett iddisinja bosta knejjes, fosthom il-katidral tal-Imdina, dak taċ-Ċittadella t'Għawdex, kif ukoll il-knejjes tas-Siġġiewi u l-Qrendi. B'danakollu l-knisja taż-Żejtun hija meqjusa bħala l-kapulavur tiegħu. Il-kapumastru nkarigat mix-xogħol kien Xandru Pulis, imwieled Bormla iżda wara li żżewweġ liż-Żejtunija Marietta Cachia, kien mar joqgħod iż-Żejtun fin-naħa ta' Ħal Bisqallin.

Iċ-ċerimonja tat-tqegħid tal-ewwel ġebla saret mill-Isqof Davide Cocco Palmieri, fil-25 ta' Novembru 1692, festa ta' Santa Katarina. Il-knisja damet mhux ħażin sa ma tlestiet minn kollox. Fl-14 t'Awwissu 1707 l-istess isqof solennement ittrasporta s-Santissmu Sagrament mill-knisja l-qadima għal din il-ġdida, meta tlestiet il-korsija. Fir-rapport taż-żjara tal-1709, hemm dettalji ta' kif kienet il-qagħda tal-knisja, fl-24 ta' Ġunju 1709. Hemm miktub li l-korsija kienet tlestiet, imma x-xogħol fuq il-kor u l-kappelluni kien għadu fil-bidu.

Sal-1733 kienu tlestew il-kor, iż-żewġ kappelluni u l-koppla. Peress li n-navi ma kinux għadhom inbnew, l-artali tal-ġenb kienu tqiegħdu fil-korsija. Il-knisja kellha biss kampnar wieħed, li kien fuq il-kappellun tan-nofsinhar. Dan juri li f'xi żmien kienet ittieħdet id-deċiżjoni li l-knisja titħalla strettament fuq għamla ta' salib, bil-kampnari fuq id-dirgħajn tal-kappelluni, bħalma huma l-knejjes tal-Qrendi u Ħal Għaxaq. Fil-ħxuna tal-ħitan tal-kappellun tan-nofsinhar, għadha sal-lum tidher il-forma ttundjata tal-ħitan li kienu se jissapportjaw il-garigor li jagħti għall-kampnar.

Nhar l-10 ta' Mejju 1744, l-Isqof Alpheran de Bussan, solennement ikkonsagra l-knisja l-ġdida ta' Santa Katarina. B'danakollu jidher li x-xogħol kollu ma tlestiex qabel l-1778, bil-bini tan-navi. Wara aktar investigazzjoni fl-istruttura tal-knisja, instabet id-data tat-3 ta' Mejju 1779, minquxa fuq iċ-ċavi ta' waħda mill-ħnejjiet tan-naħa tat-tramuntana. Jidher li din hija d-data ta' meta tlestiet l-aħħar ħnejja, possibilment id-data ta' meta l-knisja tlestiet kompletament.

Fl-1857 kien ġie rrestawrat il-frontispizju wara li kienet ġratlu xi ħsara meta ntlaqat waqt maltempata. Ix-xogħol kien sar mir-Royal Engineers u d-data

*ikompli....*




ta' dan ir-restawr tinsab minquxa fuq wara tal-frontispizju.

Ftit wara li nbnew il-korsija u l-koppla, kien ġie rrappurtat li jekk ma jittellgħux in-navi, kien hemm il-periklu li l-korsija tiġġarraf. Jidher li fl-1791, il-koppla ta' Gafà diġa' kellha xi problemi strutturali. Il-koppla oriġinali mibnija fuq id-disinn ta' Ġafà ma kellhiex lanterna. Jidher li dil-problema strutturali baqgħet tkaxkar sal-bidu tas-seklu 20 meta kien tħejja rappport tekniku mill-arkitetti Annibale Lupi u Salvo Sacco, ikkommissjonat mill-parroċċa fl-1907. Dawn kienu rrakkomandaw li tinbena koppla ġdida, minflok dik għamla ta' skutella; koppla li jkollha għamla aktar għolja u b'hekk tkun tiflaħ il-piż tal-lanterna. Id-disinn tal-koppla l-ġdida u l-lanterna, li kienu se jinbnew fuq it-tanbur ta' Gafà, sar minn Mastru Giuseppe Zahra u x-xogħol sar minn Carmelo Vella, it-tnejn miż-Żejtun. Fir-rapport tagħhom l-arkitetti kienu nnotaw li l-gwarniċun ta' fuq in-naħa ta' wara u fuq parti mill-ġenb, kien għadu nofs xogħol u għalhekk issuġġerew li jitkompla.

Fil-ħamsinijiet, infetaħ bieb fuq in-naħa ta' wara tal-knisja bil-għan li jkun hemm aċċess ġdid għas-sagristiji. Biex dan seta' jsir kellu jinfetaħ passaġġ fil-ħxuna tal-ħajt, preċiżament wara l-pittura tal-artal maġġur. Saru wkoll niċeċ fil-ħitan u taraġ li jagħti għall-kmamar li nbnew fuq is-sagristiji. Dawn ix-xogħlijiet kollha saru ġol-ħxuna enormi tal-ħitan. Fit-tarf tad-disgħinijiet ġie nnotat li f'wieħed mill-pilastri ewlenin li jerfgħu l-koppla bdew jidhru xi konsenturi, u wara stħarriġ bir-reqqa rriżulta li dawk il-konsenturi kienu kkaġunati mit-tħaffir li kien sar fil-ħxuna tal-ħitan fis-snin ħamsin. Bħala prekawzjoni, dawk l-ispazji kollha li kienu tħaffru fil-ħxuna tal-ħitan, reġgħu mtlew kif kienu, u żdied infurzar strutturali sabiex tissaħħaħ il-binja kollha. Sal-lum għadu għaddej monitoraġġ kontinwu.

Fl-1990, il-laterna nħattet u nbniet mill-ġdid, waqt li sentejn wara, il-ponot tal-kampnari wkoll inħattu u reġgħu nbnew.

Illum il-bini tal-knisja qed jiġi rrestawrat minħabba xi ħsarat li kien qed isofri minħabba l-medda taż-żminijiet.

*informazzjoni minn fuq zejtunreligiousheritage.org